għaddew ġranet li ma kienx fihom nhar, ġranet mudlamin qishom lejl.

*Tgħajjeb*, tfisser żewġ ħwejjeġ: *iddallam (is-sema)* u *tagħmel għajb*. L-ewwel tifsira nsibuha fil-poeżija XI faċċ 17: *Tgħajjeb is-sema u ġewwa sħaba sewda.* It-tieni tifsira qiegħda fil-poeżija XI faċċ 23: *Jekk tgħajjeb lil din l-Emna.*

*Dewwiema, dewwemija*, żewġ kelmiet ġejjin mill-verb *dâm*. Fil-poeżija VI, faċċ 14: *U fil-mixja dewwemija Ta' mijiet u eluf ta' snin.* Fil-poeżija VIII faċċ 16: *U sehhet din il-għanja mad-dewwiema tas-snin.*

Sabiħ u qawwi kemm jista' jkun inħossu dal-vers fil-poeżija 1 faċċ 7: *Bint ix-xhieda kelmitna u bint is-sewwa.*

Mhux bi ħsiebi li nifli kull ma fihom il-poeżiji kollha, iżda ridt biss insemmi xi ħaġa fuq fuq minn dak li l-aktar laqatni mal-ewwel qarja li qrajthom, xi ħaġa żgħira mill-ħafna tagħlim li fihom u li tista' tkun ta' fejda liż-żgħażagħ li jibdew imiddu riġlejhom fit-triq wegħrija tal-poeżija.

**Sajdun.**

# EPIGRAFIJA

Dehrilna illi fir-Rivista tagħna kienet tonqos din is-sura ta' kitba. Kellna minn kollox: artikoli, ta' kull għamla u fuq ħafna suġġetti, għana ta' kull sura u ta' kull daqs, bozzetti, ħrejjef, siltiet ta' Storja u x'nafu aħna; iżda mirja ta' skrizzjonijiet ftit li xejn.

Din l-għamla ta' kitba hi wisq meħtieġa, għaliex tinħadem f'bosta ħabtiet tal-ħajja tal-bniedem, u fil-mewt ukoll; u jaħasra! itik il-biki, meta taqra xi waħdiet u tara kemm huma magħmula bla sengħa: imqassmin ħażin, imġebbdin, u bosta drabi ma jfissrux dak li jixtieq ifisser l-awtur.

Għalhekk ħsibna li nġibu xi tnejn li għall-inqas ma jagħmlux għajb lil kitba maltija, jekk ma jaqdux bħala mirja lil ħaddieħor.

## L-EWWEL TQARBINA

QATT MA NINSA
O ĠESÙ
IL-ĦLEWWA TA' DIN IL-GĦODWA
LI FIHA INTI
IL-ĦABIB TAĊ-ĊKEJKNIN
BĦALA GĦARUS TAR-RUĦ TIEGĦI
TAJTNI L-EWWEL BEWSA
TA' MĦABBTEK
U NITOLBOK
ILLI DIN IT-TQARBINA
TWETTAQNI FIL-FEHMA
LI NKUN DEJJEM TIEGĦEK
FIT-TIĠRIB FIN-FIKET FIL-FERĦ
BIEX HEKK
NITĦEJJA GĦAL BEWSA OĦRA
LI NIXTIEQEK TATINI
FL-AĦĦAR SIEGĦA TA' ĦAJJTI
U BIHA THENNINI
GĦAL DEJJEM.

## L-EWWEL QUDDIESA

MINN DAN IT-TEMPJU
KBIR U SABIĦ
MIBNI BIL-ĦEĠĠA BIL-GĦAQAL U BIL-ĦIDMA
TA' MISSIRIJIETI
F'ĠIEĦ L-OMM TAL-IBEN TIEGĦEK
MARIJA S.S. TIELGĦA S-SEMA
ILQA' JA MULEJJA
DIN L-EWWEL QUDDIESA TIEGĦI
U QIGĦED ĠEWWA MOĦĦI
ID-DAWL TAS-SEWWA
ĠEWWA SIDRI N-NAR TAL-IMĦABBA
FUQ ILSIENI L-QAWWA
IT-TJIEBA U L-ĦLEWWA TAL-KLIEM
BIEX INKUN NISTA' DEJJEM U MALAJR
INWIEĠEB GĦAS-SEJĦA TIEGĦEK
U NKABBAR U NWETTAQ F'ĠENSNA
IS-SALTNA TAS-SEMA.

**Dun Karm**